# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum 13ta' April, 2022

**Rik. Nru. 314/2022 ISB**

**Dr Jacqueline Mallia** (K.I. 240475M) bhala mandatrici specjali tas-socjeta estera **Infront Sports & Media AG**, entita` legali reġistrata gewwa Svizzera bin-numru tar-reġistrazzjoni CHE-101.159.299

vs.

**Epic Communications Limited** soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C 10865;

**Melita Limited** soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C12715; U

**GO plc** soċjetà reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni C22334

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** ta' Dr Jacqueline Mallia (K.I. 240475M) bhala mandatrici specjali tas-socjeta estera **Infront Sports & Media AG**, entita` legali

reġistrata gewwa Svizzera bin-numru tar-reġistrazzjoni CHE-101.159.299, tal-11 ta' April 2022, u li permezz tieghu wara li ppremettet bil-gurament taghha illi :

**Illi dan huwa rikors li qed isir ghat-tenur tal-Artikolu 8 tal-Att li jirregola l-Infurzar ta` Drittijiet ta` Propjeta Intellatwali (Kap 488).**

Illi r-Rikorrenti nomine hija mandatrici specjali rappreżentanza tas-socjeta estera **Infront Sports & Media AG,** in forza ta' prokura, hawn annessa u markata bħala Dokument "A";

Illi r-Rikorrenti tiddetjeni id-drittijiet awdjovizivi internazzjonali (salv dawk ghall-Istati Uniti tal-Amerka u t-territorji taghha u l-Karibew), tal-loghobiet tal-ewwel divizjoni tal-*league* tal-futbol taljan Serie A ghall-istagguni 2021/2022, 2022/2023 u 2023/2024, u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument "B";

Illi ghalhekk r-Rikorrenti tgawdi mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta` Malta, inkluz id-dritt esklussiv illi titrasmetti, tikkomunika u tpoggi ghad-disposizzjoni lill-pubbliku il-kontenut awdjovizi imsemmi fost ohrajn got-territorju ta` Malta;

Illi s-socjetajiet intimati *inter alia*, joperaw bħala Internet Service Providers (ISPs) u għalhekk fuq il-pjattaforma elettronika tagħhom jghaddi kontenut diġitali minn diversi sorsi;

Illi minn eżerċizzju maghmul mis-soċjetà PriceWaterhouse Coopers ġewwa Malta (Dokument "C"), gew identifikati numru ta` *IP Addresses* li jaghtu access onlajn ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghob infraskritt u li qed jigi trasmess/*streamed* minghajr d-debita licenzja u/jew awtorizazzjoni tar-Rikorrenti. Illi ghalhekk it-trasmissjoni/*streaming* tal-kontenut awdjoviziv imsemmi qieghed issir b'mod illegali u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur illi r-Rikorrenti tiddetjeni;

Illi tali kontenut awdjoviziv trasmess/*streamed* illegalment jista` jigi accessat f'Malta permezz ta` siti elettronici, *mobile device apps* u/jew *software* iehor accessati/inkluzi/imnizzla fi *set-top boxes*, *media players*, kompjuters u/jew apparat elettroniku iehor tramite is-servizz moghti mis-socjetajiet intimati;

Illi ghalhekk filwaqt illi s-socjetajiet intimati mhumiex huma stess jiksru id-drittijiet tal-awtur li tiddetjenti r-Rikorrenti, is-servizz moghti minnhom jista' madankollu jintuza sabiex isir dan il-ksur hekk kif permezz taghhom, il-klijenti tas-socjetajiet intimati jistgħu jiksbu access ghall-kontenut awdjoviziv trasmess illegalment;

Illi ghalhekk l-aktar mod effettiv sabiex ir-Rikorrenti tipprotegi id-drittijiet taghha huwa li jitwaqqaf l-access ghall-i*streaming servers* li qed jittrasmettu illegalment il-kontenut awdjoviziv li fuqu hija tiddetjeni d-drittijiet tal-awtur.

Illi ai termini tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta'

drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni, wiehed isib provdut is-segwenti:

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'posizzjoni biex japplikaw għal restrizzjoni kontra intermedjarji li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn terzi partijiet biex jiksru d-drittijiet ta' l-awtur jew dritt relatat.*

Illi Recital 59 tal-istess Direttiva jghid is-segwenti:

"*Fl-ambitu diġitali, b'mod partikolari, is-servizzi ta' intermedjarji jistgħu jintużaw dejjem aktar minn partijiet terzi għal attivitajiet illegali.* ***F'ħafna każi dawn l-intermedjarji jinsabu fl-aħjar posizzjoni biex itemmu dawn l-attivitajiet illegali.*** *Għalhekk, mingħajr preġudizzju għal kull sanzjoni u rimedji oħra disponibbli,* ***detenturi tad-drittijiet għandu jkollhom il-possibbiltà li japplikaw għal inġunzjoni kontra intermedjarju li jibgħat f'network illegalità minn terza parti ta' xogħol protett jew suġġett ieħor****. Din il-possibbiltà għandha tkun disponibbli anke fejn l-atti mwettqa minn intermedjarju jkunu eżenti skond l-Artikolu 5. Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet relatati dwar dawn l-inġunzjonijiet għandhom jitħallew skond il-liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri*." (enfazi mizjuda mill-esponenti)

Illi kif gie stipulat fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tal-Gustizzja fil-kaz hekk imsejjah **Telekabel**[1]

*"In view of the above, the answer to the first question is that Article 8(3) of Directive 2001/29 must be interpreted as meaning that a person who makes protected subject-matter available to the public on a website without the agreement of the right holder, for the purpose of Article 3(2) of that directive, is using the services of the internet service provider of the persons accessing that subject-matter, which must be regarded as an intermediary within the meaning of Article 8(3) of Directive 2001/29."*

Illi ghalhekk, ai termini tas-sentenza imsemmija, is-socjetajiet intimati ghandhom jitqiesu bhala intermedjarji, u konsekwentement soggetti ghal dawk l-ingunzjonijiet mahruga mill-Qorti intizi ghall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur kif fuq inghad;

Illi fil-fatt l-Artikolu 8(1)(a) tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta` Malta jaghti dritt ghad-dententur ta` dritt ta` propjeta intellattwali sabiex jitlob lill-Qorti tohrog dawk il-provediment li jidhrilha xierqa sabiex jigi prevenut ksur u/jew jigi projbit milli jitkompla jsehh ksur ta` dritt ta` propjeta intellettwali sija fil-konfront ta min ikun qieghed allegatament jikkommetti l-ksur tal-imsemmi dritt izda ukoll fil-konfront ta` intermedjarji li jkollu s-servizz tieghu li qed jigi uzat minn terzi sabiex jikser l-istess dritt.

Illi ukoll ai termini tal-Artikolu 19(1) tal-Kap 426 tal-Ligijiet ta` Malta

[1] Case C-314/12, REQUEST for a preliminary ruling under Article 267 TFEU from the Oberster Gerichtshof (Austria), made by decision of 11 May 2012, received at the Court on 29 June 2012, in the proceedings UPC Telekabel Wien GmbH v Constantin Film Verleih GmbH, Wega Filmproduktionsgesellschaft mbH,

*"Meta jiġi provdut servizz minn soċjetà ta' informazzjoni, u dak is-servizz ikun jikkonsisti fit-trasmissjoni, f'network ta' komunikazzjoni, ta' informazzjoni provduta mir-riċevitur tas-servizz, jew il-provdiment ta' dħul f'network ta'komunikazzjoni, il-provditur ta' dak is-servizz ma jkunx responsabbli,* ***xort'oħra milli taħt inibizzjoni****, għall-informazzjoni trasmessa.*

*B'dan illi dak il-provditur:*
*(a) ma jibdiex dik it-trasmissjoni;*
*(b) ma jagħżilx lir-riċevitur tat-trasmissjoni; u*
*(ċ) ma jagħżilx jew ma jimmodifikax l-informazzjoni li tkun tinsab fit-trasmissjoni*." (enfazi mizjuda mill-esponent)

Illi ghalhekk jezistu l-elementi rikjesti mill-artikolu 8 tal-Att li jirregola l-Infurzar ta` Drittijiet ta` Propjeta Intellatwali (Kap 488) biex il-Qorti tohrog digriet kontemplat fl-istess artikolu.

talbet sabiex:

tikkawtela d-drittijiet taghha u filwaqt illi titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta` dan id-digriet sakemm tiddeciedi finalment dwar l-istess u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 488 tal-Ligijiet ta` Malta, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tohrog dawk l-ordnijiet provvizorji u kawtelatorji fil-konfront tas-socjetajiet intimati sabiex jigi prevenut illi s-servizzi ta` l-istess socjetajiet initmati jigu uzati sabiex jinkissru d-drittijiet ta` propjeta intelletwali tal-esponenti, u f'dan ir-rigward titlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna lis-socjetajiet intimati iwaqqfu l-access ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghobiet tal-ewwel divizjoni tal-*league* tal-futbol taljan Serie A li qieghed trasmess/*streamed* bi ksur tad-drittijiet tal-awtur illi tiddetjeni s-socjeta Infront Sports & Media AG billi twaqqaf l-access ghall-IP Addresses kollha indikati fid-"Dokument C" u dan taht kwalunkwe provvediment iehor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi timponi.

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet intimati

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 8(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

**Art. 8(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta**

*Kull persuna msemmija fl-artikolu 3 tista' permezz ta'rikors titlob lill-Qorti :*

*(a) toħroġ kontra min ikun qiegħed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, digriet li jkun intiż biex jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali bħal dak, jew li jipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u, fejn ikun adatt, bla ħsara għal ħlas ta' penali li jista' jsir għal diversi drabi fejn ikun hemm provdut dwar dan skont il-liġi, milli jitkompla jseħħ kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tagħmel dik it-tkomplija soġġetta għal garanziji li jkunu intiżi biex jiżguraw li jingħata kumpens lid-detentur tad-dritt. Tista' wkoll tinħareġ projbizzjoni interlokutorja, taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra kull intermedjarju li jkollu s-servizzi tiegħu qegħdin jiġu użati minn terzi hekk li dawn ikunu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali;*
*(b) jordna l-qbid jew il-kunsinna tal-oġġetti li jkunu suspettati li qegħdin jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali.*

Il-Qorti qieset u fliet sewwa dan il-provvediment tal-ligi li fuqu hija msejjsa t-talba odjerna.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors.

Il-Qorti fliet ukoll is-sub-incizi l-ohra tal-istess **Artiklu 8 tal-KAP 488**, u tiddikjara illi hija tinsab sodisfatta illi gew sodisfatti ir-rekwiziti necessarji mill-ligi biex hija tilqa' it-talba hawn maghmula. Hekk per ezempju illi bid-dokumenti annessi, il-Qorti ragjonevolment sodisfatta illi s-socjeta` rikorrenti hija d-detentur ta' drittijiet minha pretizi[2].

Ulterjorment, minn dak mressaq mis-socjeta` rikorrenti, il-Qorti jidhrilha[3] illi kull dewmien f'settur tant delikat bhal ma huwa dak digitali, jista' biss jikkaguna hsara lid-detentur tad-dritt li ma jissewwiex u huwa ghalhekk illi qed tghaddi biex tilqa' t-talba minghajr ma tisma' lis-socjeta` intimata.

Dan kollu pero` qed jinghad u qed isir bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor illi kwalsiasi parti jista' ghandha ai termini ta' xi sub-inciz iehor tal-artiklu 8 tal-KAP 488.

[2] Sub-inciz 3
[3] Sub-inciz 4

Irid jinghad b'mod car u inekwivoku illi dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Tilqa' t-talba tar-rikorrenti noe.** u **tordna** lis-socjetajiet intimati sabiex iwaqqfu u jassikuraw illi s-servizzi taghhom ma jibqghux jigu uzati sabiex jinkissru d-drittijiet ta` propjeta intelletwali tal-esponenti kif hawn fuq deskritt, u

2. **Tordna** fil-konfront tas-socjetijiet intimati, illi huma jwaqqfu l-access ghall-kontenut awdjoviziv tal-loghobiet tal-ewwel divizjoni tal-league tal-futbol taljan Serie A li qieghed trasmess/streamed bi ksur tad-drittijiet tal-awtur illi tiddetjeni s-socjeta La Liga u dan billi twaqqaf l-access ghall-IP Addresses kollha indikati fid-"Dokument C" anness mar-rikors, Rapport tas-socjeta PriceWaterhouse Coopers datat tlieta u ghoxrin (23) ta` Marzu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022).

3. **Tordna** n-notifika tal-atti, allura ir-rikors promotur <u>bid-dokumenti annessi</u> u l-provvediment odjern lis-socjetajiet intimati "*minghajr ebda dewmien*", u dan ai termini tal-Artiklu 8(4) tal-KAP 488.

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kontra s-socjetajiet intimati.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
Imhallef

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur